MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 377/2003

**Greenery UK B.V.rapprezentata mill-mandatarja specjali tsghha il-Prokuratur Legali Madeleine Firman**

**vs**

**Agro Import Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ekwivalenti fi flus Maltin fid-data tas-sentenza ghal hamest elef, sitt mija u hamsa u tmenin Euro (Euros 5,685) prezentament ekwivalenti ghal circo elfejn, tlett mija u tmienja u sittin Lira Maltin (LM2,368.00,0), dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici bhala prezz ta'**

**frott udiversi hxejjex u prodotti ohra tar-raba' mibjugha lis-socjeta konvenuta mis-socjeta' attrici u dan skond fattura hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A datata 2 ta' Jannar tas-sena 2003**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-12 ta' Gunju tas-sena 2003 u bl-imghax kummercjali mit-2 ta' Jannar tas-sena 2003 kontra s-socjeta' konvenuta, li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subbizzjoni;**

**Rat in-nota pprezentata seduta stante nhar is-26 ta' Jannar, tas-sena 2005, kontenenti affidavit ta' Mr. Robert J. Bergwerff;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-26 ta' Jannar tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------